# Ġabra tal-ġurisprudenza

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tmien Awla) tat-30 ta' Jannar 2020 – České dráhy vs Il-Kummissjoni**

**(Kawżi magħquda C-538/18 P u C-539/18 P)**[1]

"Appell – Kompetizzjoni – Regolament (KE) Nru 1/2003 – Artikolu 20(4) – Deċiżjonijiet ta' spezzjoni – Obbligu ta' motivazzjoni – Indizji suffiċjentement serji tal-eżistenza ta' ksur tar-regoli tal-kompetizzjoni – Provi miġbura legalment – Spezzjoni ordnata abbażi ta' elementi riżultanti minn spezzjoni preċedenti"

1. *Kompetizzjoni – Proċedura amministrattiva – Setgħa ta' spezzjoni tal-Kummissjoni – Deċiżjoni li tordna spezzjoni – Obbligu ta' motivazzjoni – Portata – Obbligu li jiġi indikat is-suġġett u l-għan tal-ispezzjoni – Obbligu li l-informazzjoni miġbura minn awtorità nazzjonali fil-kuntest ta' investigazzjoni mwettqa abbażi tad-dritt nazzjonali li tiġi intergrata – Esklużjoni – Indikazzjoni ċara tal-indizji serji li jippermettu li jiġi ssuspettat ksur – Obbligu li ssir klassifikazzjoni legali tal-allegat ksur – Assenza*

   *(Artikoli 102 u 296 TFUE; Regolament tal-Kunsill Nru 1/2003, Artikolu 20(4))*

   *(ara l-punti 40 sa 50, 62)*

2. *Kompetizzjoni – Proċedura amministrattiva – Setgħa ta' spezzjoni tal-Kummissjoni – Użu ta' deċiżjoni ta' spezzjoni – Setgħa diskrezzjonali tal-Kummissjoni – Limiti – Osservanza tal-prinċipju ta' proporzjonalità –Indikazzjoni ċara tal-indizji serji li jippermettu li jiġi ssuspettat ksur – Obbligu li jiġu evalwati l-indizji kollha li jistgħu jiskaġunaw – Assenza*

   *(Regolament tal-Kunsill Nru 1/2003, Artikolu 20(4))*

   *(ara l-punti 63 sa 65)*

3. *Kompetizzjoni – Pożizzjoni dominanti – Abbuż – Kunċett – Aġir li għandu effett restrittiv fuq il-kompetizzjoni – Implimentazzjoni ta' strateġija tariffarja ta' esklużjoni – Inklużjoni – Assenza ta' riżultati effettivi fuq il-kompetituri – Assenza ta' effett*

   *(Artikolu 102 TFUE)*

   *(ara l-punti 66 sa 70)*

1 ĠU C 392, 29.10.2018.

4. *Kompetizzjoni – Proċedura amministrattiva – Setgħa ta' spezzjoni tal-Kummissjoni – Deċiżjoni li tordna spezzjoni – Obbligu ta' motivazzjoni – Portata – Obbligu li tiġi pprovduta delimitazzjoni preċiża tas-suq – Obbligu li tintwera n-natura sinjifikattiva tal-effett fuq il-kummerċ bejn l-Istati Membri – Assenza*

   *(Regolament tal-Kunsill Nru 1/2003, Artikolu 20(4))*

   *(ara l-punti 80 sa 83)*

5. *Kompetizzjoni – Proċedura amministrattiva – Setgħa ta' spezzjoni tal-Kummissjoni – Portata u limiti – Spezzjoni li tkopri l-prattika ta' prezzijiet predatorji ta' impriża dominanti – Riċerka tad-dokumenti relatati mal-ispejjeż u mal-istrateġija tal-impriża – Ammissibbiltà*

   *(Artikolu 102 TFUE; Regolament tal-Kunsill Nru 1/2003, Artikolu 20)*

   *(ara l-punti 99 sa 104)*

**Dispożittiv**

1) L-appelli huma miċħuda.

2) České dráhy a.s. hija kkundannata għall-ispejjeż.